DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Settembru 2014

dwar ir-rikonoxximent tal-"Universal Feed Assurance Scheme" biex tintwera l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà skont id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(2014/667/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7c(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(6) tagħha,

Wara li kkonsultat mal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi,

Billi:

(1) Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE jistabbilixxu l-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti. L-Artikoli 7b u 7c u l-Anness IV tad-Direttiva 98/70/KE huma simili għall-Artikoli 17 u 18 u l-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE.

(2) Meta l-bijokarburanti u l-bijolikwidi jkunu jridu jitqiesu għall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 17(1)(a), (b) u (c) tad-Direttiva 2009/28/KE, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-operaturi ekonomiċi juru l-konformità tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(2) sa (5) tad-Direttiva 2009/28/KE.

(3) Meta operatur ekonomiku jagħti provi jew dejta miksuba skont skema volontarja li tkun ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni, safejn ikun kopert b'dik id-deċiżjoni ta' rikonoxximent, Stat Membru ma għandux jirrikjedi li l-fornitur jagħti aktar evidenza ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà.

(4) It-talba biex jiġi rikonoxxut li l-"Universal Feed Assurance Scheme" turi li l-konsenji tal-bijokarburant jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE u d-Direttiva 2009/28/KE tressqet għall-ewwel darba lill-Kummissjoni fis-16 ta' Mejju 2011. Il-verżjoni aġġornata tal-verżjoni tal-iskema tressqet fis-7 ta' Frar 2014. L-iskema topera fir-Renju Unit u tista' tkopri ingredjenti tal-għalf u għalf kompost kif ukoll għelejjel kombinabbli. Din l-iskema tkopri l-istadji tal-kummerċ, it-trasport u l-ħżin tal-materja prima agrikola mill-għatba tar-azjenda s'għand l-ewwel proċessur, u tiddependi fuq skemi volontarji oħrajn rikonoxxuti mill-Kummissjoni għall-istadji l-oħra. B'hekk, hija fir-responsabbiltà tal-"Universal Feed Assurance Scheme" li tiżgura li r-rikonoxximent maħruġ mill-Kummissjoni dwar dawk l-iskemi li bihom topera b'mod konġunt jibqa' validu matul il-perjodu kollu tal-kooperazzjoni. Ladarba tiġi rrikonoxxuta, l-iskema għandha tkun disponibbli fil-pjattaforma ta' trasparenza stabbilita skont id-Direttiva 2009/28/KE.

(5) Mill-valutazzjoni tal-"Universal Feed Assurance Scheme" instab li din tkopri b'mod xieraq il-kriterji kollha tas-sostenibbiltà tad-Direttiva 98/70/KE u tad-Direttiva 2009/28/KE, għajr għall-Artikolu 7b(2) tad-Direttiva 98/70/KE u l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE. Madanakollu, l-istess valutazzjoni tagħti dejta preċiża dwar elementi li l-operaturi ekonomiċi li jkunu jinsabu iktar 'l isfel fil-katina tal-kustodja jeħtieġu biex juru li huma konformi mal-Artikolu 7b(2) tad-Direttiva 98/70/KE u mal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE, filwaqt li tuża metodu ta' bilanċ tal-massa li huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 7c(1) tad-Direttiva 98/70/KE u l-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28/KE.

(6) Mill-evalwazzjoni tal-"Universal Feed Assurance Scheme" instab li din tilħaq standards xierqa ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti.

([1]) ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58.
([2]) ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16.

(7) Il-"Universal Feed Assurance Scheme" ġiet ivvalutata skont il-leġiżlazzjoni fis-seħħ meta ġiet adottata din id-Deċiżjoni. F'każ li jkun hemm bidliet rilevanti fil-bażi legali, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-iskema bl-għan li tistabbilixxi jekk l-iskema tkunx għadha qed tkopri b'mod xieraq il-kriterji ta' sostenibbiltà li għalihom hija rikonoxxuta.

(8) F'każ li jkun hemm bidliet fl-iskema, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-iskema bl-għan li tistabbilixxi jekk l-iskema tkunx għadha qed tkopri b'mod xieraq il-kriterji ta' sostenibbiltà li għalihom hija rikonoxxuta.

(9) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-"Universal Feed Assurance Scheme" (minn hawn 'il quddiem "l-iskema"), li tressqet quddiem il-Kummissjoni fis-7 ta' Frar 2014 għar-rikonoxximent, turi li l-konsenji tal-bijokarburanti jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 7b(3), (4) u (5) tad-Direttiva 98/70/KE u fl-Artikoli 17b(3), (4) u (5) tad-Direttiva 2009/28/KE.

L-iskema tuża dejta preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 7b(2) tad-Direttiva 98/70/KE u l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2009/28/KE, u b'hekk tiżgura li t-tagħrif rilevanti kollu mogħti mill-operaturi ekonomiċi li jkunu jinsabu iktar 'il fuq fil-katina tal-kustodja jingħadda lill-operaturi ekonomiċi li jkunu jinsabu iktar 'l isfel f'din il-katina.

L-iskema tista' tintuża biex tintwera l-konformità mal-Artikolu 7c(1) tad-Direttiva 98/70/KE u mal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2009/28/KE sal-ewwel proċessur tal-materja prima.

Artikolu 2

Jekk wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni, isir xi tibdil fil-kontenut tal-iskema b'tali mod li jaffettwa l-bażi ta' din id-Deċiżjoni, dan it-tibdil għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni minnufih. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta t-tibdil innotifikat biex tistabbilixxi jekk l-iskema tkunx għadha qed tkopri kif jixraq il-kriterji ta' sostenibbiltà li għalihom ġiet rikonoxxuta.

Il-Kummissjoni tista' tirrevoka din id-Deċiżjoni jekk ikun intwera biċ-ċar li l-iskema ma tkunx implimentat elementi meqjusa bħala deċiżivi għal din id-Deċiżjoni u jekk ikun twettaq ksur serju u strutturali ta' dawk l-elementi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija valida għal ħames snin.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO